

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-iżvilupp tal-benefiċċji soċjali”

(2011/C 44/05)

Relatur ġenerali: **is-Sur VERBOVEN**

Fittra tad-29 ta' April 2010, fisem il-Presidenza futura Belġjana u b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, is-Sinjura Laurette ONKELINX, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa Pubblika, talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ifassal opinjoni esploratorja dwar

L-iżvilupp tal-benefiċċji soċjali.

Nhar il-25 ta' Mejju 2010, il-Bureau tal-Kumitat inkariga lis-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-464 sessjoni plenarja tiegħu tal-14 u l-15 ta' Lulju 2010 (seduta tal-14 ta' Lulju 2010) li jaħtar lis-Sur Xavier VERBOVEN bħala relatur ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'66 vot favur, 3 voti kontra u 10 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-kwistjoni tal-iżvilupp tal-benefiċċji soċjali ser tiġi indirizzata fkonferenza speċifika fil-qafas tal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Kumitat jagħraf li l-protezzjoni soċjali hija għodda importanti għat-tqassim mill-ġdid, il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà li għandha tkun fil-qofol tal-iżvilupp tal-proġett Ewropew. Id-drittijiet soċjali fundamentali jggarantixxu b'mod partikolari l-aċċess għal dħul soċjali adegwat meta individwu jisfa vittma ta' ċerti riskji soċjali jew għal għajnuna soċjali u akkomodazzjoni għal dawk kollha li m'għandhomx biżżejjed riżorsi. Il-KESE jfakkar li, fit-30 ta' Novembru 2009, huwa adotta dikjarazzjoni fejn talab lill-Kummissjoni timplimenta programm ta' azzjoni soċjali⁽¹⁾ biex jiġi garantit li d-drittijiet soċjali fundamentali jiġu trattati bl-istess mod bħar-regoli ta' kompetizzjoni u l-libertajiet ekonomiċi.

1.2 Il-KESE jixtieq jenfasizza r-rwol tal-fattur produttiv tal-politika soċjali. Ifakkar mill-ġdid li jekk ikunu mfasla b'mod adatt, il-politiki soċjali u l-politiki tas-suq tax-xogħol jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali kif ukoll tal-effiċjenza u l-produttività ekonomika. Il-mudell soċjali Ewropew huwa bbażat fuq koerenza tajba bejn effiċjenza ekonomika u progress soċjali⁽²⁾. Is-sħubija taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew tiddependi minn kemm ikunu effiċjenti l-politiki implimentati f'dawn l-oqsma differenti. Barra minn hekk, għandha tiġi kkunsidrata l-importanza tar-rwol li taqdi l-protezzjoni soċjali bħala stabilizzatur ekonomiku f'perijodi tajbin kif ukoll ħżiena taċ-ċiklu ekonomiku⁽³⁾.

1.3 Il-kriżi ekonomika u soċjali attwali qed timponi aktar minn qatt qabel il-bżonn ta' strateġija Ewropea ambizzjuża għall-2020. Din l-istrateġija l-ġdida – li ġiet definita mill-Kummissjoni⁽⁴⁾ u li għadha kif ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 u għandha tiġi adottata formalment mill-Parlament f'Settembru ta' din is-sena – tindirizza erba'

oqsma: l-għarfien u l-innovazzjoni, ekonomija aktar sostenibbli, it-titjib tal-livelli ta' impjieg u l-inklużjoni soċjali. Il-KESE jappoġġja din il-viżjoni multidimensjonali li għandha l-għan li tappoġġja tkabbir “intelliġenti, sostenibbli u inklussiv” iżda jiddispijaci li r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' ċerti nuqqa-sijiet li ressaq fl-opinjoni preċedenti tiegħu dwar “L-Istrateġija ta' Lisbona wara l-2010” ma ntlagħhux. B'mod partikolari, għandhom jifasslu “l-linja gwida tiegħu b'għanijiet li jistgħu jitkejju fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fejn jidħlu impjiegi li ma jipprovdux ħarsien soċjali adegwat, it-transizzjoni lejn ekonomija li tuża livell baxx tal-karbonju, il-ġlieda kontra l-faqar (inklużi dawk li jbatu l-faqar minkejja li għandhom xogħol) u l-prevenzjoni tal-esklużjoni soċjali (pereżempju appoġġ adegwat fil-każ ta' qgħad jew fejn bniedem ma jistax jaħdem, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi pubbliċi)”⁽⁵⁾.

1.4 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Istrateġija Ewropa 2020 tinkludi linja gwida li tikkonċerna speċifikament l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar bl-oġġettiv li tal-anqas 20 miljun persuna ma jibqgħux fir-riskju ta' faqar u ta' esklużjoni⁽⁶⁾. Fid-dawl tal-fatt li l-2010 ġiet iddikjarata s-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar, huwa indispensabbli li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex il-persuni kkonċernati jingħataw għajnuna biex joħorġu mis-sitwazzjoni ta' faqar.

1.5 Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-aqwa mezz kontra l-esklużjoni huwa l-aċċess għal impjieg dejjem, ta' kwalità u bi hłas xieraq. Għandhom jiġu adottati miżuri strutturali għat-titjib bil-għan li jinħoloq suq tax-xogħol inklużiv⁽⁷⁾. Il-KESE jfakkar li, fid-9 ta' Diċembru 2009, fil-kuntest tad-djalogu soċjali, ġie konkluż ftehim qafas għal suq tax-xogħol inklużiv. Dan il-ftehim qafas juri biċ-ċar ir-rieda tal-imsieħba soċjali biex jippromovu s-swieq inklużivi tax-xogħol, jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-potenzjal tal-forza tax-xogħol fl-Ewropa, iżidu r-rata tal-impjiegi, itejbu l-kwalità tal-impjieg, inklużi t-taħriġ u l-iżvilupp tal-kompetenzi.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE, ĠU C 27, 3.2.2009.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE, ĠU C 309, 16.12.2006.

⁽³⁾ Kummissjoni Ewropea, Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, *Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2010*, Manuskrutt, Frar 2010.

⁽⁴⁾ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM (2010) 2020.

⁽⁵⁾ Opinjoni tal-KESE, ĠU C 128/3, 18.5.2010, punt 4.4.

⁽⁶⁾ Kunsill Ewropew, 17.6.2010, Konklużjonijiet, EUCO 13/10.

⁽⁷⁾ Idem 5.

1.6 Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Parlament Ewropew ippreżentata fir-riżoluzzjoni tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol⁽⁸⁾, b'mod partikolari "billi l-inklużjoni attiva ma tistax tiegħu post l-inklużjoni soċjali, peress li gruppi vulnerabbli li mhumiex kapaċi jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol għandhom id-dritt li jgħixu b'dinjità u li jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà, u għalhekk, għandu jkun hemm dħul minimu u servizzi soċjali aċċessibbli, bi prezz deċenti u ta' kwalità għolja, indipendentement minn jekk persuna tistax tiegħu sehem fis-suq tax-xogħol jew le".

1.7 Il-KESE jfakkar li, fl-opinjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 1989 dwar il-faqar⁽⁹⁾, huwa rrakkomanda li jiġi stabbilit minimu soċjali maħsub kemm bħala xibka ta' sigurtà għall-foqra kif ukoll bħala lieva meħtieġa biex dawn jergħu jintegraw fis-soċjetà. Jiddispjaċih li din l-opinjoni kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-kriterji komuni dwar riżorsi u benefiċċji biżżejjed fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali⁽¹⁰⁾ s'issa għadhom ma nġhatawx segwitu adatt. Għaldaqstant, il-KESE huwa tal-fehma li l-introduzzjoni gradwali ta' garanzija ta' riżorsi u ta' benefiċċji fil-qafas tal-protezzjoni soċjali għandha tiġi maħsuba permezz ta' strument ġdid li jappoġġja b'mod aktar effikaċi l-politiki dwar il-ġlieda kontra l-faqar f'bosta Stati Membri filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispeċifitajiet nazzjonali. Minn dan il-lat, l-oġġettiv tat-tnaqqis tal-faqar fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020 huwa lieva importanti.

1.8 Fir-rigward tal-benefiċċji soċjali ta' sostituzzjoni, il-KESE jenfasizza li attwalment mhux kollha qed jingħataw attenzjoni partikolari fil-qafas tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) għall-protezzjoni soċjali. Permezz tad-definizzjoni ta' oġġettivi u ta' indikaturi komuni kif ukoll tal-iskambju ta' prattiki tajba, dan il-metodu għandu l-għan li jirriforma s-sistemi ta' protezzjoni soċjali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u l-kura fil-perijodu fit-tul. Jidher li dan il-proċess importanti ma jkax il-benefiċċji tal-qgħad, tal-inkapaċità għax-xogħol, tal-maternità u l-benefiċċji għal persuni b'diżabbiltà, għall-vittmi ta' inċidenti fil-post tax-xogħol jew ta' mard ikkawżat mix-xogħol. Il-KESE jirrakkomanda li l-azzjoni tal-MMK għall-protezzjoni soċjali tiġi estża biex tinkludi l-benefiċċji kollha ta' sostituzzjoni tad-dħul. Jirrakkomanda b'mod partikolari li jsir monitoraġġ biex jiġi analizzat il-livell adatt tal-benefiċċji mogħtija.

1.9 Il-KESE jfakkar li l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali tirrikjedi bilanċ effikaċi bejn, minn naħa, l-inċentivi mmirati lejn żieda fil-provvista tal-ħaddiema u, minn naħa oħra, il-miżuri li jiżguraw protezzjoni soċjali adatta billi jiggarrantixxu inġiq effiċċjenti f'dan il-qasam. Fir-rigward tal-ewwel aspekk, jixtieq jispeċifika li d-dħul m'għandux ikun l-uniku element li jitqies. Fatturi oħra, bħal pereżempju d-disponibbiltà, l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi ta' kura tat-tfal, il-miżuri li

jittieghdu għall-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà, l-infrastrutturi għall-għoti ta' impjieg lil dawk li jinsabu bla xogħol, għat-taħriġ, it-tagħlim u s-saħħa pubblika, għandhom rwol importanti x'jaqdu⁽¹¹⁾. Għaldaqstant, il-KESE jenfasizza mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jsaħħaħ il-MMK billi jimplementa oġġettivi li jistgħu jitkejlu fil-qasam tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rati ta' sostituzzjoni jew ta' kopertura, iżda wkoll ta' aċċess għas-servizzi pubbliċi⁽¹²⁾. Barra minn hekk, il-Kumitat jinnota li fil-qafas tal-MMK għall-potezzjoni soċjali m'hemmxi enfasi speċifika fuq il-ġeneralizzazzjoni tas-sistemi ta' attivazzjoni. Huwa jirrakkomanda li jifassal rapport fil-qafas tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali bil-għan li jiġi analizzat jekk dawn il-miżuri ta' attivazzjoni humiex tassew il-frott ta' bilanċ bejn il-valuri ta' solidarjetà, ta' responsabbiltà u ta' koeżjoni.

1.10 Il-KESE jixtieq jinsisti fuq ir-rwol essenzjali li jistgħu jaqdu r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali f'kull kwistjoni marbuta mal-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali kif ukoll mat-tisħiħ tal-MMK bħala proċess demokratiku.

2. Introduzzjoni u kuntest

2.1 Il-protezzjoni soċjali hija għodda importanti għat-tqassim mill-ġdid u s-solidarjetà, u l-organizzazzjoni u l-finanzjament tagħha huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Peress li hija mfasla b'mod speċifiku f'kull Stat Membru, hija kkaratterizzata minn diversità kbira ħafna ta' sistemi. Tinsab fil-qofol tal-proġett Ewropew kif stipulat fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁽¹³⁾ u l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali⁽¹⁴⁾ jirrikonoxxi u jirrispetta:

— minn naħa, id-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u servizzi soċjali li jipprovdu protezzjoni f'każijiet ta' maternità, mard, inċidenti fil-post tax-xogħol, dipendenza, xjuħija u telf tax-xogħol;

— minn naħa oħra, id-dritt għal għajjnuna soċjali u għal għajjnuna għall-akkomodazzjoni, maħsuba sabiex jiżguraw eżistenza dinjituża għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċċjenti.

2.2 Barra milli tiggarrantixxi dħul adegwat għal dawk li m'għandhomx impjieg attiv jew meta jinjalghu ċerti riskji soċjali, il-protezzjoni soċjali għandha wkoll taqdi rwol attiv biex tappoġġja l-proċess ta' transizzjoni professjonali, b'mod partikolari bil-għan li l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tirnexxi.

⁽⁸⁾ Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni, 6.5.2009, 2008/2335(INI).

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE, ĠU C 221, 28.8.1989 u ĠU C 128/15, 18.5.2010.

⁽¹⁰⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, 24.6.1992, 92/441/KEE, ĠU L 245, 26.8.1992.

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KESE, ĠU C 302/86, 7.12.2004.

⁽¹²⁾ Opinjoni tal-KESE, ĠU C 128/10, 18.5.2010 u ĠU C 302/86, 7.12.2004.

⁽¹³⁾ Artikolu 9 tat-TFUE, ĠU C 115, 9.5.2008.

⁽¹⁴⁾ Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU C 364, 18.12.2000.

2.3 Fid-dawl tal-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja tal-2008, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali mhux biss iprotegħew lill-Ewropej mill-aktar konsegwenzi gravi tal-kriżi finanzjarja iżda wkoll kellhom rwol kontraċikliku ta' stabilizzatur ekonomiku⁽¹⁵⁾. Fin-nuqqas ta' politiki ambizzjużi ta' konverġenza, dawn is-sistemi jistgħu jittqiegħdu f'periklu b'mod partikolari permezz ta' prattiki ta' kompetizzjoni żviluppata minn ċerti Stati Membri li għalihom it-tnaqqis tal-infiq soċjali huwa lieva biex jiġbdu l-investment ta' kapital barrani. Dan il-proċess, li diġà huwa realtà fil-livell fiskali u dak tal-pagi, għandu tendenza jiżviluppa fil-livell soċjali⁽¹⁶⁾.

2.4 Lejlet l-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida Ewropa 2020, jeħtieġ li jifakkar li t-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fl-impjiegi mhumieq biżżejjed biex jiggarantixxu koeżjoni soċjali mtejbja. L-inugwaljanzi sikwit komplew jiżdiedu tul dawn l-aħħar għaxar snin u l-faqar u l-esklużjoni soċjali għadhom problema ewlenija fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE⁽¹⁷⁾. Barra minn hekk, il-KESE jshaq fuq il-ħtieġa li dawn il-fenomni jiġu miġġielda permezz ta' politiki li ma jkunux essenzjalment reattivi jew marbutin mal-kumpens iżda li jkunu wkoll preventivi u proattivi biex tittieħed azzjoni minn stadju bikri kontra s-sitwazzjonijiet ta' faqar. Ta' min isemmi b'mod partikolari l-fenomeni tal-faqar fost it-tfal li jista' jkun deċiżiv għal aktar żvilupp tul il-ħajja tal-persuni kkonċernati.

2.5 Illum il-protezzjoni soċjali b'mod ġenerali u l-benefiċċji soċjali b'mod partikolari qed jiffaċċjaw erba' sfidi ewlenin:

- il-konsegwenzi tal-kriżi u, minn naħa, iż-żieda fl-ispejjeż tal-qgħad minħabba l-ħafna telf ta' impjiegi u, minn naħa oħra, il-piż fuq il-finanzi pubbliċi li din iż-żieda għib magħha. Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-individwi jinqabdu qiegħda għal perijodu twil, it-tijib u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom jissoktaw bil-għan li jiġi offrut qafas attiv u sigur li jiggarantixxi l-aċċess għal u r-ritorn lejn impjeg ta' kwalità filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi;
- il-fenomeni tat-tixxjiet tal-popolazzjoni li ser ikollu impatt importanti fuq il-pensjonijiet u s-settur tal-kura tas-saħħa. Is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet timplika l-ħtieġa li jiġu żgurati pensjonijiet ta' livell adegwat u investment fil-ħtieġijiet marbuta ma' dan il-fenomeni, b'mod partikolari l-appoġġ għad-dipendenza;
- iż-żieda inaċċettabbli fil-faqar u l-inugwaljanzi. L-oġġettivi ta' tnaqqis tal-faqar stabbiliti fl-istrateġija ġdida Ewropa 2020 huma ambizzjużi. Jeżiġu sforz ikkoordinat fl-Istati Membri f'bosta oqsma ta' azzjoni politika bi sħab mal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili;

⁽¹⁵⁾ Kummissjoni Ewropea, Kumitat għall-protezzjoni soċjali, *It-tkabbir, l-impjiegi u l-progress soċjali fl-UE - Messaġġi ewlenin*, Manuskritt, Settembru 2009.

⁽¹⁶⁾ Klaus Busch, "World Economic Crisis and the Welfare State – Possible solutions to reduce the economic and social imbalances in the world economy, Europe and Germany" (Il-kriżi ekonomika dinjija u l-istat soċjali – Soluzzjonijiet possibbli biex jitnaqqsu l-iżbilanci ekonomiċi u soċjali fl-ekonomija tad-dinja, l-Ewropa u l-Ġermanja), *Analizi ta' politika internazzjonali*, Friedrich-Ebert-Stiftung, Frar 2010.

⁽¹⁷⁾ Idem 15.

— it-tisħiħ meħtieġ tal-benesseri u tal-koeżjoni soċjali taċ-ċittadini Ewropej. Dawn l-aħħar snin, iċ-ċittadini Ewropej urew li l-istennijiet tagħhom fir-rigward ta' politiki soċjali għodda, effikaċi u progressivi kienu importanti fil-livell soċjali u sostenibbli fil-livell ekonomiku.

3. Benefiċċji adegwati ta' sostituzzjoni tad-dħul

3.1 Il-benefiċċji soċjali maħsuba biex jagħtu garanzija ta' dħul tul perijodu ta' qgħad, wara l-irtirar, f'każ ta' mard jew minħabba diżabbiltà huma importanti ħafna fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Indipendentement mill-mod ta' finanzjament tagħhom, il-prinċipji li huma bbażati fuqhom (ta' assigurazzjoni jew universali) jew mill-mod kif dawn il-benefiċċji jingħataw, l-għan tagħhom huwa li jiggarantixxu dħul stabbli u adegwat meta jinqala' xi wieħed minn dawn ir-riskji soċjali. Għaldaqstant, jaqdu rwol importanti ta' sigurtà kemm mil-lat tal-individwi kif ukoll mil-lat tas-soċjetà inġenerali. M'għandhomx jitqiesu bħala piż iżda bħala investment produttiv li minnu jgawdi kulħadd.

3.2 It-taqlib konsiderevoli fl-ekonomija u s-soċjetajiet Ewropej minħabba l-globalizzazzjoni, il-bidliet teknoloġiċi, il-fenomeni tat-tixxjiet tal-popolazzjoni u, reċentement, il-kriżi ekonomika li seħħet fl-2008 irriżultaw f'bidliet profondi fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali b'mod ġenerali u fil-benefiċċji ta' sostituzzjoni tad-dħul b'mod partikolari. L-għan essenzjali tal-politiki msejħa ta' modernizzazzjoni implimentati tul dawn l-aħħar għoxrin sena huwa l-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri u li jiġi żgurat it-tkabbir ekonomiku, b'mod partikolari permezz ta' rati ta' impjeg għoljin. Dan wassal biex il-benefiċċji soċjali jingħataw rwol importanti f'termini ta' inċentiv għal parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol.

3.3 Il-Kumitat huwa konxju li l-livell ta' protezzjoni mogħti minn dawn il-benefiċċji jiddependi ħafna mill-finanzjament pubbliku li attwalment qed jiffaċċja pressjoni qawwija minħabba l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u l-isfidi tat-tixxjiet tal-popolazzjoni. Madankollu, jixtieq ifakkar li huwa jopponi "kull inizjattiva li tista' tikkomprometti s-solidarjetà li fuqha tistrieħ il-protezzjoni soċjali u li hija ta' tant ġid għall-Ewropa"⁽¹⁸⁾. L-għoti ta' benefiċċji li parzjalment iżommu l-istandard tal-ħajja huwa essenzjali biex jiggarantixxu tqassim aħjar tal-ġid u tad-dħul kif ukoll biex jiggarantixxu l-koeżjoni soċjali. Fl-istess waqt, il-Kumitat jixtieq jenfasizza l-importanza tal-mekkaniżmi li għandhom l-għan li jadattaw il-benefiċċji skont l-iżvilupp tal-ħajja. Din hija r-raġuni wkoll għala l-Kumitat jaħseb li jeħtieġ li fi ħdan il-MMK isir monitoraġġ biex jiġi analizzat il-livell adegwat tal-benefiċċji mogħtija.

3.4 Il-KESE jitlob li jiġi implimentat programm ta' azzjoni soċjali bbażat fuq kooperazzjoni pożittiva bejn l-Istati Membri u "mhux fuq 'tellieqa sal-qieġ' kompetittiva fir-rigward tad-drittijiet soċjali, il-protezzjoni soċjali u l-kondizzjonijiet tax-xogħol"⁽¹⁹⁾.

⁽¹⁸⁾ Idem 5.

⁽¹⁹⁾ Idem 1.

3.5 *Fir-rigward tal-qgħad għandha tissaħħaħ il-protezzjoni soċjali bħala investiment għall-benefiċċju kemm tal-kompetittività ekonomika kif ukoll tal-integrazzjoni soċjali.*

3.5.1 L-assigurazzjoni kontra l-qgħad hija vantaġġ soċjali essenzzjali peress li jassigura lil kull ħaddiem kontra l-konsegwenzi ta' tkeċċija mill-post tax-xogħol jew ta' ristrutturar. L-għan hu li jiġi assigurat livell adegwat u stabbli ta' riżorsi, l-ewwel kundizzjoni tas-sigurtà tal-appoġġ tal-mobbiltà professjonali u għaldaqstant għar-ritorn lejn l-impjieg⁽²⁰⁾.

3.5.2 L-assigurazzjoni kontra l-qgħad ma tistax tkun limitata għall-għoti ta' benefiċċji iżda għandha tkun assoċjata ma' miżuri adegwati u dinamiċi ta' appoġġ lejn impjieg ta' kwalità. Dawn il-politiki attivi għandhom jiggarrantixxu appoġġ individwali u aċċess għal taħriġ li jwasasl għal kwalifiki⁽²¹⁾. Barra minn hekk, fatturi oħra bħal pereżempju d-disponibbiltà, l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi ta' kura tat-tfal, il-miżuri li jittieħdu għall-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà, l-infrastrutturi għat-tagħlim u s-saħħa pubblika għandhom rwol importanti x'jaqdu⁽²²⁾. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dawn l-elementi indispensabbli għal transizzjonijiet professjonali bla xkiel.

3.5.3 Min-naħa l-oħra, il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li jittieħdu miżuri għal titjib strutturali biex jinhloq suq tax-xogħol li verament ikun inklużiv⁽²³⁾. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li fid-9 ta' Diċembru 2009 fil-kuntest tad-djalogu soċjali ġie konkluż ftehim qafas għal suq tax-xogħol inklużiv. Dan il-ftehim qafas juri biċ-ċar ir-rieda tal-imsieħba soċjali biex jipromovu s-swieq inklużivi tax-xogħol, jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-potenzjal tal-forza tax-xogħol fl-Ewropa, iżidu r-rati ta' impjieg, itejbu l-kwalità tal-impjieg, tat-taħriġ u tal-iżvilupp tal-kompetenzi.

3.5.4 Il-Kumitat iqis li hemm bżonn ta' konverġenzi biex ix-xogħol isir bil-ħlas billi l-impjieg jikkostitwixxi għażla li ġenwament tkun aktar interessanti mil-lat finanzjarju. Permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki kkoordinati fil-livell soċjali, ta' paga u fiskali, jeħtieġ li l-persuni li ma jitħallsux biżżejjed u li mhumiex ikkwalifikati biżżejjed ikollhom aċċess għal impjieg bi gwadann u joħorġu mill-faqar u l-qgħad⁽²⁴⁾.

3.5.5 Il-benefiċċji tal-qgħad marbuta ma' politiki dinamiċi tas-suq tax-xogħol jistabilizzaw l-ekonomija u jipromovu adattament attiv għat-tibdil permezz tat-titjib tal-kompetenzi u ta' inizjattivi effikaċi fil-qasam tat-tittixija għal impjieg u ta' bdil fil-karriera⁽²⁵⁾. Madankollu, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-politiki ta' attivazzjoni li qed jitwettqu bħalissa fl-Istati Membri kollha

jkunu tassew il-frott ta' bilanċ bejn il-valuri tas-solidarjetà, ir-responsabbiltà u l-koeżjoni u li ma jippreżentawx riskju ftermini ta' inugwaljanzi, ta' disparitajiet kategoriċi, jew ta' stazzjonament f'impjegi mhux konvenzjonali, li jirrikjedu ftit kwalifiki u/jew li mhumiex imħallsa biżżejjed. Barra minn hekk, jeħtieġ li tibqa' tingħata attenzjoni lill-miżuri għat-tisħiħ tal-kriterji ta' eliġibbiltà, b'mod partikolari fi żmien ta' kriżi ekonomika fejn id-domanda għall-ħaddiema hija baxxa. Hemm riskju li ngħakksu aktar lill-persuni esklużi u dan huwa ostakolu importanti f'termini ta' integrazzjoni (mill-ġdid) fil-qasam tax-xogħol. Dawn il-politiki ta' eliminazzjoni jista' wkoll ikollhom effett negattiv peress li jistgħu jipprovokaw qaqliq lejn setturi oħra tal-protezzjoni soċjali bħal pereżempju l-għajnuna soċjali jew l-inkapaċità għax-xogħol, u dan mhumiex mixtieq.

3.6 *Il-pensjonijiet: irtirar adegwat fid-dawl tal-isfida tat-tixjiħ tal-popolazzjoni*

3.6.1 Hekk kif in-numru ta' pensjonanti fl-Ewropa qed jiżdied u n-numru relattiv ta' persuni f'età li jaħdmu qed jonqos, l-Unjoni Ewropea ħeġġet lill-Istati Membri jirrifurmaw is-sistemi tagħhom ta' pensjoni bil-għan li l-irtirar ikun adegwat u sostenibbli. Dawn ir-riformi huma bbażati fuq il-punti li ġejjin: jingħataw inċentivi biex l-individwi jibqgħu jaħdmu aktar, jitħeġġu pensjonijiet komplementari, jiġu stabbiliti rabtiet aktar b'saħħithom bejn il-kontribuzzjonijiet soċjali u l-benefiċċji, jiġi kkunsidrat l-għomor dejjem itwal huma u jiġu stabbiliti l-benefiċċji, finanzjament adatt għal pensjoni minima, għoti ta' kreditu għal perijodi ta' kura fid-drittijiet għall-pensjoni u mekkaniżmi ta' revizzjoni awtomatika jew semiautomatika.

3.6.2 Ir-rata ta' riskju ta' faqar għadha partikolarment għolja fost il-persuni li għandhom aktar minn 65 sena (l-medja ta' 20 % fis-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea meta mqabbel ma' 17 % tal-popolazzjoni kollha) speċjalment fost in-nisa (f'dan il-każ, ir-rata tilħaq t-22 %). Dan iwassal għal problema ta' adegwatezza bejn il-livell ta' pensjonijiet meta mqabbel mad-dħul tal-bqija tal-popolazzjoni. L-objettiv tal-pensjoni huwa li daww li rtiraw jingħataw dħul sigur li jissostitwixxi d-dħul li kienu jirċievu meta kienu jaħdmu, filwaqt li jitqies il-livell tal-ħajja ta' qabel. Fil-ġejjieni, jeħtieġ li jittieħdu l-miżuri neċessarji bil-għan li jitnaqqsu d-differenzi fid-dħul minħabba kontribuzzjonijiet differenti bejn il-pensjonanti, irġiel u nisa, iżda wkoll biex tiġi ggarantita kopertura korretta tar-riskju tat-tixjiħ tal-ħaddiema (irġiel u nisa) impjegati f'impjegi mhux konvenzjonali jew li kellhom karrieri mhux konvenzjonali. Is-segregazzjoni li għadha teżisti fis-suq tax-xogħol bejn in-nisa u l-irġiel għandha konsegwenzi importanti fuq il-kostituzzjoni tad-drittijiet miksuba u għalhekk fuq il-perspettivi ta' rtirar tan-nisa⁽²⁶⁾. Il-Kumitat jixtieq jenfasizza wkoll li l-ġeneralizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet minimi għandha rwol importanti x'taqdi fil-għieda kontra l-faqar fost l-anzjani. Il-KESE jisħaq biex il-Kumitat tal-protezzjoni soċjali u l-MMK jiffokaw b'mod partikolari fuq dan il-punt.

3.6.3 Is-sistemi pubbliċi tal-pensjoni jirrappreżentaw is-sors prinċipali tal-pensjonijiet. F'dawn il-kundizzjonijiet, huwa indispensabbli li jiġu assigurati s-sostenibbiltà u l-vijabbiltà finanzjarja. Il-KESE huwa tal-fehma li l-aħjar garanzija ta' finanzjament adegwat ta' dawn is-sistemi pubbliċi hija msejsa fuq rata

⁽²⁰⁾ Florence LEFRESNE, "Regard comparatif sur l'indemnisation du chômage : la difficile sécurisation des parcours professionnelles", (Analiżi komparattiva lejn il-benefiċċji tal-qgħad: id-diffikultà li jiġu garantiti possibbiltajiet professjonali), Chronique internationale de l'IREs - n°115, Novembru 2008, p. 23.

⁽²¹⁾ Idem 18.

⁽²²⁾ Idem 11.

⁽²³⁾ Idem 5.

⁽²⁴⁾ Idem 11.

⁽²⁵⁾ Idem 2.

⁽²⁶⁾ Idem 11.

għolja ta' impjeg, kif ukoll fuq miżuri komplementari ta' finanzjament implimentati minn ċerti Stati Membri. Dawn is-sistemi huma bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u joħlqu rabtiet bejn u fi ħdan il-ġenerazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali. Barra minn hekk, jippermettu wkoll li jiġu żgurati d-drittijiet għall-pensjoni matul perijodi ta' qgħad u ta' waqfien mill-karriera minħabba mard jew raġunijiet relatati mal-familja. L-istabbiltà finanzjarja tagħhom ħarġet fid-dieher matul il-kriżi finanzjarja tal-2008.

3.6.4 B'mod komplementari għal dawn is-sistemi pubbliċi ta' pensjoni, ġew żviluppjati wkoll sistemi komplementari ta' pensjoni. Dawn jistgħu joffru riżorsi komplementari lill-pensjonanti u għal dan il-għan għandhom jiġu applikati għall-impjegati kollha. Madankollu, ma jistgħux ikunu la soluzzjoni alternattiva għall-problema tal-vijabbiltà tas-sistemi pubbliċi ta' pensjoni u wisq anqas jistgħu jixħtu dubju fuqhom. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi komplementari għandhom, fl-interess tal-kontributori u tal-pensjonanti, jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti, b'mod partikolari li jidħlu f'qafas regolatorju Ewropew żviluppat bi ftehim mal-imsieħba soċjali. M'għandhomx ikunu biss fondi ta' investiment bil-għan li jiggarrantixxu pensjoni personali iżda għandhom jiżguraw li jkopru r-riskju tul il-ħajja u jassiguraw dħul għal perijodi ta' mard u saħansitra ta' qgħad ekonomiku jew ta' assenza mix-xogħol minħabba raġunijiet familjari. L-aċċess għal dawn is-sistemi komplementari għandu jkun garantit għall-ħaddiema kollha tas-settur u tal-intrapriża. Il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandu jiġi applikat. L-imsieħba soċjali għandhom jiġu involuti fl-implimentazzjoni tagħhom kif ukoll fil-kontroll tal-ġestjoni tagħhom. Fl-aħħar, jeħtieġ li jiġu promossi l-investimenti li għandhom impatt pożittiv fuq l-impjegji u li jiġu evitati Prattiki purament spekulattivi.

3.7 L-inkapaċità għax-xogħol: xibka importanti tas-sigurtà għall-ħaddiema morda jew b'diżabbiltà

3.7.1 Apparti l-qgħad u l-pensjoni, it-tielet kategorija ta' benefiċċji ta' sostituzzjoni tad-dħul tikkonċerna l-benefiċċji mogħtija f'każ ta' inkapaċità għax-xogħol, diżabbiltà, inċident fil-post tax-xogħol jew mard ikkawżat mix-xogħol. Dan iqajjem il-kwistjoni ta' dħul ta' sostituzzjoni adegwat u l-kwistjoni tar-ritorn jew l-aċċess għall-impjeg. Il-KESE jixtieq ifakkar il-pożizzjoni tiegħu li ressaq fl-opinjoni preċedenti tiegħu dwar l-integrazzjoni soċjali (27). Li persuna jkollha dħul hija kundizzjoni indispensabbli għal għajxien indipendenti, iżda mhux neċessarjament kundizzjoni suffiċjenti. F'ħafna każijiet f'it għadha tingħata attenzjoni lill-integrazzjoni tal-persuni involuti fil-ħajja tax-xogħol, minkejja d-dispożizzjonijiet legali maħsuba għal dan il-għan. Ħafna drabi l-arranġamenti Prattiki għal assistenza u appoġġ biex jinstab jew jtkompla impjeg huma ta' piż u mhux adegwati.

3.7.2 Dawk il-persuni li ma jistgħux jaħdmu għandhom ikunu assigurati appoġġ ta' dħul suffiċjenti biex jgħixu ħajja

(27) Idem 5.

dinjituża. F'dan ir-rigward, il-benefiċċju mogħti mhux biss għandu jqis iż-żamma tal-istandard adegwat tal-ħajja iżda wkoll l-ispejjeż speċifiċi li ġġarrab persuna minħabba mard jew diżabbiltà. Il-politiki li għandhom l-għan li jiggarrantixxu kura tas-saħħa aċċessibbli u ta' kwalità għandhom rwol essenzjali x'jaqdu bħalma għandhom il-politiki li jħeġġu l-iżvilupp ta' infrastrutturi u ta' servizzi soċjali implimentati f'sitwazzjonijiet ta' dipendenza bil-għan li tiġi garnatita ħajja deċenti (pereżempju s-servizzi tas-saħħa, l-għajnuna fid-dar, l-għajnuna ta' terza persuna, eċċ.).

4. Dħul minimu u inklużjoni soċjali

4.1 Fl-opinjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 1989 dwar il-faqar (28), il-KESE diġà kien irrakkomanda li jiġi stabbilit minimu soċjali maħsub kemm bħala xibka ta' sigurtà għall-foqra kif ukoll bħala lieva meħtieġa biex dawn jergġu jintegraw fis-soċjetà. Din l-opinjoni hija kkwotata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar kriterji komuni dwar riżorsi suffiċjenti u l-assistenza soċjali fis-sistemi ta' ħarsien soċjali (29). Il-Kunsill jirakkomanda li titwaqqaf gradwalment garanzija tar-riżorsi fil-qafas tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali ta' bosta Stati Membri u dan fi żmien 5 snin. Kważi għoxrin sena wara u hekk kif l-Unjoni ddkjarat l-2010 bħala sena tal-ġlieda kontra l-faqar, ta' min jinnota li dawn it-talbiet u rakkomandazzjonijiet baqgħu ma ntlagghux. Fl-2008, il-Kummissjoni speċifikat fir-Rakkomandazzjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva (30) li r-Rakkomandazzjoni tal-1992 "tibqa' strument ta' referenza għall-politika tal-Komunità dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali u ma tilfet xejn mir-relevanza tagħha; għalkemm fadal xi jsir biex tkun implimentata b'mod sħiħ". Reċentement, fil-qafas tar-Riżoluzzjoni tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (31), il-Parlament "jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw appoġġ xieraq għad-dħul sabiex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali"; u "jinnota l-bżonn għal livell adegwat ta' dħul minimu, ibbażat fuq ir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE u r-Rakkomandazzjoni 2008/867/KE li għandu jkun adegwat, trasparenti, aċċessibbli għal kulħadd u sostenibbli tul iż-żmien".

4.2 B'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 1992, il-KESE jaħseb li din il-garanzija tar-riżorsi għandha tiġi stabbilita billi jitqies il-livell attwali tal-ħajja f'kull Stat Membru. Dan ifisser li għandha ssir referenza għall-indikaturi adatti bħal pereżempju d-dħul medju jew medjan disponibbli fl-Istat Membru, l-istatistika dwar il-konsum tal-familji, il-paga minima legali, jekk teżisti, u l-livell tal-prezzijiet. Barra minn hekk, dan id-dħul minimu jista' jiġi adattat jew ikompletat biex jissodisfa bżonnijiet speċifiċi. Dan jinkludi prinċipalment għajnuna għall-akkomodazzjoni u politiki li jiggarrantixxu l-aċċess għall-kura tas-saħħa ta' kwalità u għall-kontroll tad-dipendenza kbira li diġà ġew implimentati minn bosta Stati

(28) Opinjoni tal-KESE, ĠU C 221, 28.8.1989 u ĠU C 128/10, 18.5.2010.

(29) Idem 10.

(30) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008, 2008/867/KE, ĠU L 307, 18.11.2008.

(31) Idem 8.

Membri. Il-Kumitat jappoġġja l-inizjattiva tal-Parlament ⁽³²⁾ billi l-għan tiegħu huwa li jtejjeb ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1992 u jispeċifika li “l-għajnuna soċjali għandha tipprovdi dħul minimu xieraq għal ħajja b'dinjità, tal-anqas flivell li jkun lil hinn mil-livell ta' 'riskju ta' faqar’”. Madankollu, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-interazzjonijiet eventwali li jistgħu jseħħu bejn din il-garanzija ta' dħul, assoċjata jew le ma' interventi konnessi bħal ghajjnuna għall-akkomodazzjoni, u benefiċċji oħra tas-sigurtà soċjali. Jeħtieġ li jiġi evitat li l-benefiċjarji tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali jispiċċaw f'sitwazzjonijiet anqas vantaġġati, billi dan iwassal għal effetti negattivi ċari.

4.3 Il-KESE jfakkar li l-introduzzjoni ta' dħul minimu għandha tiġi maħsuba fil-qafas ta' politiki ta' inklużjoni soċjali u ta' aċċess għas-servizzi soċjali ta' kwalità. Minn dan il-lat, huwa jappoġġja l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽³³⁾ li “[j]issuġġerixxi li l-Istati Membri jqisu b'mod attiv politika relatata ma' salarju minimu sabiex jiġi ffaċċjat l-ammont dejjem

jikber ta' 'persuni fqar li jaħdmu' u sabiex l-impjeg isir prospett vijabbli għal dawk li jkunu mbiegħda mis-suq tax-xogħol”. Barra minn hekk, il-Kumitat jixtieq jispeċifika li għandha tingħata attenzjoni lis-sitwazzjoni tal-persuni li ma jistgħux jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol minħabba l-età, is-saħħa jew xi diżabbiltà. Jaqbel mal-Parlament Ewropew ⁽³⁴⁾ meta dan jispeċifika li “l-inklużjoni attiva ma tistax tiegħu post l-inklużjoni soċjali” u li “għandu jkun hemm dħul minimu u servizzi soċjali aċċessibbli, bi prezz deċenti u ta' kwalità għolja, indipendentement minn jekk persuna tistax tiegħu sehem fis-suq tax-xogħol jew le”.

4.3.1 Għaldaqstant, il-KESE huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni gradwali ta' garanzija ta' riżorsi hija meħtieġa għall-ksib tal-oġġettiv tat-tnaqqis tal-faqar, liema oġġettiv huwa inkluż fil-qafas tal-Istrategġija Ewropa 2020 u għandu jiġi maħsub permezz ta' strument ġdid li jappoġġja b'mod aktar effikaċi l-politiki dwar il-ġlieda kontra l-faqar f'bosta Stati Membri.

Brussell, 14 ta' Lulju 2010.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

⁽³²⁾ Idem 8.

⁽³³⁾ Idem 8.

⁽³⁴⁾ Idem 8.